

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-18 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vergabekammer Arnsberg – il-Ġermanja) – Bundesdruckerei GmbH vs Stadt Dortmund**

(Kawża C-549/13) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 56 TFUE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Direttiva 96/71/KE — Proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-offerenti u fuq is-subappaltaturi tagħhom l-obbligu li jimpenjaw ruħhom iħallsu salarju minimu lill-persunal li jeżegwixxi s-servizzi li jikkostitwixxu s-suġġett tal-kuntratt pubbliku — Subappaltatur stabbilit fi Stat Membru ieħor)*

(2014/C 421/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Vergabekammer Arnsberg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Bundesdruckerei GmbH

Konvenut: Stadt Dortmund

**Dispożittiv**

F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha subappaltatur ikollu l-intenzjoni li jeżegwixxi kuntratt pubbliku billi jirrikorri esklużivament għal ħaddiema impjegati minn subappaltatur stabbilit fi Stat Membru li ma huwiex dak tal-awtorità kontraenti, l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' din l-awtorità kontraenti li tobbliga lil dan is-subappaltatur iħallas lill-imsemmija ħaddiema salarju minimu stabbilit minn din il-leġiżlazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 24, 25.01.2014.

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Settembru minn Page Protective Services Ltd mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-9 ta' Lulju 2014 fil-Kawża T-221/13, Page Protective Services Ltd vs Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS)**

(Kawża C-501/13 P)

(2014/C 421/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: Page Protective Services Ltd (rappreżentanti: J.-P. Hordies, avukat, assistit minn E. Lock, solicitor)

Parti oħra fil-proċedura: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS)

Permezz ta' digriet tat-2 ta' Ottubru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla), ċaħdet l-appell u ordnat li Page Protective Services Ltd tbat i-ispejjeż tagħha stess.